# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

# Onor. Dr. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors Ġuramentat 828/20MH**

**Fl-ismijiet:**

**360 Food Imports Limited**

**(C46590)**

**Vs**

**Popular Marketing Limited**

**C53146**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat li sar bid-dispensa tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-istess rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta' konvenuta bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni ai terminu ta' l-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u lis-soċjeta konvenuta nonostantecio baqgħet kontumaċji

Semgħet lil Dr. Jonathan Abela għas-soċjeta attriċi jikkonferma bil-ġurament tiegħu lil flejjes mitluba baqgħu dovuti għaliex il-konvenuta baqgħet moruza fil-ħlas fis-somma kollha. Rat ukoll il-Bord Resolution tas-soċjeta' attriċi li biha ġie awtorizzat jidher għaliha anke fejn si tratta ta' proċeduri ġudizzjarji ta' natura ċivili, Dr.Jonathan Abela.

Ikkonsidrat

Illi kif inhu ben miżmum għax konvenut ikun kontumaċi dan ma jfissirx lit-talba attriċi tiġi awtomatikament milqugħa. Jibqa nkombenti fuq l-istess attur li qed jipproponi l-kawza li jiprova it-talbiet minnu vantati sal grad li trid il-liġi. Konsegwentement barra li semgħet il-ġurament tar-rappresentant tas-soċjeta attriċi rat ukoll id-dokumenti esebiti n sostenn tat-talba mressqa.[1]

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li rat l-atti kollha tal-kawza taqta u tiddeċidi billi tilqa it-talba ai terminu ta' l-artikolu 167 et. seq tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Tikkundana lis-soċjeta konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, erba' mija u tlieta u sebgħin ewro u sebgħa u tlettin ċentezmu(€24, 473.37) għar-ragunijiet msemmija.

---

[1] Folio 3- 7

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u bl-imgħax legali mill-10 ta' Lulju, 2020 sal-ħlas effettiv.

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara.**

**Dep. Reg.**